MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1056/2004

**Lloyds (Malta ) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jiffurmaw is-syndicates bin-numri JAT 1245, KLN0510, JDM0807, SAM0727, ATR0570 u SIL0944 u Rausi Insurance Agency Limited u Dolores Abela**

**vs**

**Anna Maria Risso**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkudannata thallas lill-atturi is-somma ta' erba' mija u hmistax il-Lira Maltin u tletin centezmu (Lm415.30) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAR 100 propjeta' tal-attrici Dolores Abela u assikurata mill-atturi taht polza tat-tip comprehensive li ghalhekk huma surrogati fid-drittijiet taghha, filwaqt li l-istess Dolores Abela ghandha interess li tirkupra s-somma ta' Lm25.00 minnha mhallsa bhala Excess, minhabba li l-konvenuta bi traskuragni u

nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku habtet gol-vettura msemmija f’Tal-Pieta’, fit-8 ta’ April 2003 waqt li kienet qed issuq il-vettura BAP 195.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-

Illi t-talbiet tal-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom billi l-incidentt in kwistjoni ma sarx tort tal-eccipjenti, pero’ b’tort ta’ Carmel Abela, sewwieq tal-vettura KAR 100, u dan minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Carmel Abela u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 909 Paul Buhagiar, ta’ Carmel Abela, ta’ Omar Mifsud, tal-konvenuta, ta’ Maria Gatt u ta’ Henry Grech. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partjijet.

Ikkusnidra:

Illi l-kawza tirrigwarda ncident awtomobilsitiku li sehh fit-8 ta’ April 2004, fTelghat G’Mangia, Pieta bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAR 100 msijuqa minn Carmel Abela u propjeta’ tal-attrici Dolores Abela u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAP 195 misjuqa mill-konvenuta.

Carme; Abela kien niezel in-nizla f’Telghat G’Mangia meta ra vettura *double parked* man-naha tax-xellug tieghu, huwa waqaf wara din il-vettura u daqqilha l-*horn* sabiex ikun jista’ jkompli jiprocedi. Din ma ccaqalqitx u huwa ghalhekk hares lura u l-quddiem sabiex jara xi traffiku kien hemm fit-riq u mbaghad beda jirriversja sabiex jaqla’ lil din il-vettura parkeggjata. Malli ghamel hekk huwa laqat il-vettura tal-konvenuta li huwa ma kienx ra qabel u li presuma li harget minn Triq San Lawrenz li hija triq laterali fuq in-naha tal-lemin tieghu.

Il-konvenuta spjegat li hija kienet hierga minn Triq San Lawrenz  u riedet tinzel it-telgha ta’ G’Mangia. Malli waslet fit-tarf ta’ triq San Lawrenz hija rat zewg vetturi wieqfin bil-*hazard lights* mixghulin, dik ta’ wara kienet il-vetura ta’ Carmel Abela. Hija ghalhekk ma setghatx tohrog fil-karreggjata tax-xellug minhabba dawn iz-zewg vetturi u hija ghalhekk kellha tohrog fuq in-naha l-hazina tat-triq. Wara li truck tal-RMF, liema trukk kien wieqaf fir-rampa tal-garaxx tal-RMF, ghamliha is-sinjal li tista’ tohrog hija harget u malli ghamlet hekk laqtitha il-vettura ta’ Abela fil-bieba ta’ wara tax-xellug.

Fil-fehma tat-Trtribunal iz-zewg sewweiqa nvoluti f’dan l-incident huma t-tnejn responsabbli ghall-akkadut. Carmel Abela kien negligenti fis-sewqan tieghu ghaliex huwa naqas li jzomm *a proper lokkout* gha; traffiku li kien gej warajh meta huwa kien qed jaghmel manuvra riskjuza bhal dik li jiriversja fi triq principali sabiex jaqla’ vettura ohra li kienet quddiemu. Huwa jghid li hares warajh u quddiemu qabel ma rriverjsa izda Abela naqas milli jiehu in kosniderazzjoni il-fatt li setghu ukoll johrgu vetturi minn Triq San Lawrenz, kif fil-fatt harget il-konvenuta, u huwa kellu wkoll joghod attent ghal dan it-traffiku. Abela jghid li huwa kien ilu wieqaf biss ftit sekondi wara din il-vettura *double parked*. Huwa seta’ ghalhekk jew stenna lil din il-vettura ticcaqlaq jew altrimenti ezercita aktar kawtela qabel ma prova jaqla lil din il-vettura billi rriversja.

Il-konvenuta min-naha l-ohra hija wkoll responsabbli ghall-akkakdut ghaliex hija harget minn triq laterali ghal fuq triq principali u ghazlet li tiehu rr-iskju li tohrog *wrong side, minflok stenniet il-karreggjata tax-xellug tillibera ruhha.* Hija setghat facilment stenniet liz-zewg vetturi bil-*hazard lights* mixghulin jiccaqalqu jew altrimenti accertat ruhha dwar l-intenzjoni ta’ dawn iz-zewg vetturi qabel ma ttentat tohrog fuq triq principali fuq in-naha l-jhazina tat-triq.

Fil-fehma tat-Triubnal iz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident de quo huma ugwalment responsabbli ghalll-akkadut.

Il-quantum tad-danni reklamat mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenuta u fi kwalunkwe kaz l-atturi producew l-ircevuti kollha relattivi ghall-hsarat minnhom reklamati, liema anni jidher li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident in kwstjoni. In vista tal-fatt li r--responsabilita' ghall-incident giet apporzjonata nofs bn-nofs il-konvenuta ser tigi kkundannata thallas lill-atturi nofs l-ammont mitlub u cioe' is-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u hamsa u sittin cetnezmu (Lm207.65).

Ghal dawn il-motivi t-Trribunal jaqta' u jiddecied billi jilqa' t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u hamsa u sittin cetnezmu (Lm207.65).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------